# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 938/2017JVC**

**Carmen Bonnici (detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 500266(M)**

**vs**

**Demis Axisa (detentur tal-karta tal-identita bin-numru 109075M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Carmen Bonnici li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti hija bint Alfredo Axisa li kellu karta ta' l-identita bin-numru 244342M u li miet nhar il-15 ta' Gunju tas-sena 2009 u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

2. Illi minn ricerki sigrieti irrizulta li d-defunt ma ghamiltx testment sigriet, ricerka annessa bhala Dokument B;

3. Illi minn ricerki pubblici jirrizulta li d-defunt ghamel zewg testmenti pubblici kif jirrizulta mir-ricerka annessa bhala Dokument C;

4. Illi minn dawn ir-ricerki jirrizulta li l-ahhar testment tad-defunt huwa dak li sar fid-tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (22/9/2008) u dana peress li fl'ewwel artikolu tal-imsemmi testment, it-testatur Alfred Axisa irrevoka u annulla kull testment li kien ghamel qabel dan liema testment sar fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech, kopja annessa bhala Dokument D;

5. Illi fl-imsemmi testment it-testatur Alfred Axisa, innomina u istitwixxa bhala l-unika eredi universali, proprietarja u padruna assoluta ta' gidu kollu lil martu Emanuela Axisa u dan skont ma jirrizulta mit-tieni artikolu tat-testment hawn imsemmi;

6. Illi ghalhekk it-tlett uliedu kienu intitolati li jiehdu s-sehem rizervat u dana skont il-ligi; liema talba qatt ma saret sakemm baqghet hajja omm l-esponenti, u liema talba baqghet impregudikata ukoll;

7. Illi sussegwentement mietet omm l-esponenti u cioe Manuela sive Emmanuela Axisa, u l-ahhar testment tal-imsemmija kien dak illi kien sar fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech, Certifikat tal-mewt anness bhala Dokument E, ricerki pubblici annessi bhala Dokument F, u ricerki testment sigriet annessi bhala Dokument G;

8. Illi minn tali ricerka jirrizulta li l-ahhar testment huwa dak li kien sar fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (5/5/2014) fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech; kopja anness u mmarkat bhala Dokument H;

9. Illi minn tali testment d-defunta Manuela sive Emanuela Axisa halliet bhala l-uniku eredi taghha lill-Demis Axisa u halliet ukoll diversi legati lil ulied bniet taghha;

10. Illi jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut huwa l-unika eredi tal-imsemmija Manuela sive Emanuela Axisa u ghalhekk huwa responsabbli sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima spettanti lill-esponenti mill-wirt ta' missierha.

11. Illi l-esponenti irrinunzjat a fini tal-effetti kollha tal-ligi, partikolarment tal-Artikolu tmien mija u sittin sub-inciz tnejn (Artikolu 860(2) tal-Kodici Civili ta' Malta ghas-successjoni hekk kif maghmulha bit-testment ta' missierha

Alfredo Axisa u dan skont ma jirrizulta mill-annessa rinunzja hawn mmarkata bhala Dokument I;

12. Illi ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali l-konvenut qatt ma resaq ghall hlas ta' tali sehem rizervat;

13. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-povvedimenti opportuni:

1. Tifforma u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ga' ezistenti bejn l-imsemmijin Alfredo Axisa missier il-partijiet u l-ohra lill-assi tal-omm il-partijiet Emanuela Axisa;

2. Taqsam il-komunjoni hekk likwidata f'zewg porzjonijiet li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi ta' Alfredo Axisa missier il-partijiet u l-ohra lill-assi tal-omm il-partijiet Emanuela Axisa;

3. Tifforma u tillikwida l-assi ta' missier l-esponenti Alfredo Axisa li jkun jikkonsisti f'sehemu tal-komunjoni fuq assenjat u fis-sostanzi partikolari tieghu;

4. Tiddikjara li l-attrici ghandha jedd ghall-hlas ta' ammont ta' flus rapprezentanti s-sehem rizervat mill-wirt ta' missierha Alfredo Axisa;

5. Tillikwida s-sehem rizervat spettanti lill-attrici rikorrenti skont il-ligi fuq il-gid ta' missierha Alfredo Axisa.

6. Tordna li dan l-ammont jithallas mill-konvenut bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tal-prezenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali interpellatorji u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Demis Axisa li taqra kif isegwi:

1. 'It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. L-attrici, b'ghazla taghha, abbandunat lil missierha tul hajtu, b'mod li ha hsieb tieghu u tal-bzonnijiet kollha tieghu, inkluz tal-ghixien u s-sahha tieghu, l-eccepjent wahdu, u ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-assi ereditarju tal-missier il-kreditu dovut lill-eccepjent bi hlas ghas-servizzi u s-servigi rezi, liema kreditu jifforma l-mertu tal-kontro-talbiet tal-eccipjent, kif ukoll kull kreditu iehor li skond il-ligi ghandu jitnaqqas mill-istess assi ereditarji.

3. Minghajr pregudizzju, mis-sehem rizervat talvolta dovut lill-attrici ghandu jitnaqqas il-valur fid-data tal-mewt tal-missier ta' kwalunkwe donazzjoni jew trasferiment xort'ohra, maghmul lilha b'liberalita', ghal kollox jew in parti, mill-istess missier il-kontendenti tul hajtu.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez in konnessjoni ma' din il-procedura, u lanqas jigi

mgieghel ihallas xi imghax billi, qabel l-attrici procediet b'din il-kawza u immedjatament kif sar jaf bir-rinunzja taghha ghall-eredita' ta' missierhom, l-eccipjent mill-ewwel talabha tikkwalifika l-pretensjoni taghha. Sal-lum pero' dan baqghet ma ghamlitux.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Dikjarazzjoni tal-konvenut Demis Axisa (ID 109075 (M).

Bil-gurament jikkonferma:

1. Illi l-attrici, b'ghazla taghha, abbandunat lil missierha tul hajtu, b'mod li hadt hsiebu jien f'dak kollu li kellu bzonn, u dan wahdi. Ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-assi ereditarju tal-missier il-kredit dovut lili bi hlas ghas-servizz u s-servigi rezi, liema kreditu jifforma l-mertu tal-kontro-talbiet tieghi, kif ukoll kull kreditu iehor li skond il-ligi ghandu jitnaqqas mill-istess assi ereditarju.

2. Illi mis-sehem rizervat talvolta dovut lill-attrici ghandu jitnaqqas il-valur fid-data tal-mewt ta' missieri ta' kwalunkwe donazzjoni jew trasferiment xort'ohra, maghmul lilha b'liberalita', ghal kollox jew in parti , mill-istess missieri tul hajtu.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, m'ghandix inbati spejjez in konnessjoni ma' din il-procedura, u lanqas nigi mgieghel inhallas xi imghax billi, qabel l-attrici procediet b'din il-kawza u immedjatament kif sirt naf bir-rinunzja taghha ghall-eredita' ta' missierna, mill-ewwel tlabtha tikkwantifika dak li qed tippretendi, haga li baqghet m'ghamlitiex sal-lum.

4. Illi jien naf dawn il-fatti kollha personalment.'.

Rat il-kontro-talba ta' Demis Axisa li taqra kif isegwi:

1. 'Illi huwa jigi hu l-attrici rikonvenzjonata, it-tnejn ulied il-mejtin Alfredo Axisa u Manuela Axisa.

2. Illi Alfredo Axisa miet fil-15 ta' Gunju 2009, u s-successjoni tieghu tinsab regolata b'testment unica charta li kien ghamel flimkien ma' martu Emanuela Axisa fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-22 ta' Settembru 2008.

3. Illi permezz ta' l-imsemmi testment, il-wirt ta' Alfredo Axisa ghadda fl-intier tieghu ghand martu Manuela Axisa.

4. Illi Manuela Axisa mietet fis-17 ta' Frar 2017, u s-successjoni ghall-eredita' taghha tinsab regolata bl-ahhar testment li hija ghamlet fl-atti tal-istess Nutar Ritienne Bugeja Fenech fil-5 ta' Mejju 2014, li permezz tieghu nnominat b'eredi universali taghha lill-esponent binha Demis Axisa, filwaqt li halliet legati li kull wiehed mit-tlett uliedha.

5. Illi tul hajjet missieru Alfredu Axisa, l-esponent irrendielu assistenza, servizzi personali u servigi kontinwi, li servewh ghall-ghixien ahjar tieghu, anke ghaliex l-attrici u ohthom l-ohra Costantina Spiteri ghazlu li ma jaqsmux mal-esponent rikonvenzjonant din ir-responsabbilta'.

6. Illi huwa ghalhekk mehtieg li din il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut lill-esponent rikonvenzjonant bi hlas tal-

imsemmija servigi, liema kumpens jikkostitwixxi dejn tal-wirt ta' Alfredo Axisa.

7. Illi immedjatament kif sar jaf li l-attrici rikonvenzjonata rrinunzjat ghall-eredita' tal-missier, l-esponent rikonvenzjonant mill-ewwel gharraftha b'din il-pretensjonijiet tieghu, u li d-debitu relattiv ghandu jitnaqqas mal-valur tal-massa ereditarja ta' Alfredo Axisa li fuqha ghandu jigi komputat is-sehem rizervat pretiz minnha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponent rikonvenzjonant jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li l-esponent rikonvenzjonant irrenda assistenza, servizzi, servigi u prestazzjonijiet lill-mejjet Alfredo Axisa;

(2) konsegwentement, tillikwida l-kumpens dovut lill-esponent rikonvenzjonant ghall-istess assistenzi, servizzi, servigi u prestazzjonijiet, hekk ezegwiti;

(3) tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont hekk likwidat favur l-esponent rikonvenzjonant jikkostitwixxi dejn tal-assi ereditarju tal-istess Alfredo Axisa, li ghandu jitnaqqas mil-valur tal-istess assi ghall finijiet tal-kalkolu tas-sehem rizervat favur l-attrici rikonvenzjonata.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attrici rikonvenzjonata li tibqa' inguna minn issa ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmen Bonnici li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-attrici rikonvenzjonata Carmen Bonnici ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li hi ma hijiex werrieta ta' missier il-partijiet u dana kif jirrizulta mir-rinunzja hawn annessa u mmarkata bhala '**Dokument CB1**';

2. Illi ghalhekk isegwi li din l-istanza kellha tigi diretta kontra l-werrieta tad-decujus u mhux kontra l-esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti u fil-mertu nkwantu tat-talba ta' hlas ta' servigi u prestazzjonijiet allegatament rezi mill-atturi a favur id-defunt Alfredo Axisa, jigi eccepit li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt peress li huwa kontestat li l-konvenut rikonvenzjonat presta xi assistenzi, servizzi, servigi lid-defunt Alfredo Axisa u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghat-talbiet suesposti, sa fejn relattiva ghal zmien ta' aktar mill-ahhar hames snin, it-talbiet tal-atturi waqghu bi preskrizzjoni taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi din il-kawza saret biss sabiex il-konvenut rikonvenzjonat ikompli jahbi u jbabas fil-flejjes appartenenti lid-defunt missierhom u jcahhad mill-attrici rikonvenzjonata minn sehma spettanti lilha skont il-ligi billi jittenta jnaqqas il-valur tal-assi tad-defunt kif pprova jaghmel qabel ma' l-attrici ma

hadet il-passi mehtiega sabiex tirregola l-posizzjoni taghha u intavolat dawn il-proceduri;

6. Illi l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma ressaq ebda talba ghall hlas ghal servigi hlief meta l-attrici rikonvenzjonata bdiet il-proceduri odjerni, u ghalhekk jirrizulta car li dawn il-proceduri huma biss ritaljazzjoni ghall-azzjoni li ghamlet l-attrici u huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

8. Salv eccezzjonijiet ohra permessibli skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testmenti, nota ta' rinunzja tal-wirt, ittra ufficjali, ittri legali, ittri tal-banek rigward x'kellhom kontijiet bankarji, *statements* tal-kontijiet bankarji, ritratti, kuntratt, rapport *ex-parte*, cedola ta' depositu, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Frar, 2020 (fol. 553) Dr Maxilene Pace ghar-rikorrenti talbet in-nomina ta' Perit sabiex jaghti valur tal-erba' proprjetajiet immobbli koncernati fil-kawza u rat li l-Qorti nnominat lil Perit Joseph Grech sabiex jirrelata dwar il-proprjetajiet immobbli li ghandha tigi ndikata permezz ta' nota mill-partijiet fi zmien 20 jum;

Rat in-nota pprezentata fl-1 ta' Gunju, 2020 mir-rikorrenti Carmen Bonnici a fol. 557 tal-process fejn gew indikati l-proprjetajiet immobbli u rat in-nota tal-intimat Demis Axisa pprezentata nhar is-16 ta' Gunju, 2020 a fol. 579 tal-process fejn ukoll gew indikati l-proprjetajiet immobbli;

Rat ir-rikors tal-intimat Demis Axisa intavolat nhar it-30 ta' Lulju, 2020 fejn informa lill-Qorti li bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar il-proprjeta' li ghandha tigi stmata u dan billi m'hemmx qbil dwar kif ghandha tigi stmata l-gardinetta ta' wara d-dar bil-garaxx 43/45 fi Triq Alexandra, Qormi fejn ir-rikorrenti tippretendi li ghandha tigi stmata ghaliha filwaqt li huwa jippretendi li ghandha tigi stmata bhala parti mid-dar imsemmija kif kienet fil-15 ta' Gunju, 2009 meta miet Alfred Axisa li tieghu r-rikorrenti qieghda titlob s-sehem riservat u ghalhekk talab lill-Qorti joghgobha tidderigi lill-Perit Tekniku Joseph Grech sabiex jghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu, liema nkarigu jikkonsisti filli jistma l-fondi kollha elenkati mill-partijiet, fiz-zewg noti rispettivi, bil-valuri taghhom fid-data tal-mewt ta' Alfred Axisa cioe' 15 ta' Gunju, 2009 u rat id-digriet tal-Qorti datat 6 ta' Awwissu, 2020 fejn laqghet it-talba;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech intavolat nhar id-29 ta' Dicembru, 2020 u mahluf nhar is-27 ta' Jannar, 2021 a fol. 639 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Frar, 2021 l-avukati difensuri tal-partijiet b'referenza ghar-rapport tal-Perit Tekniku rrilevaw li bi zvista ma giex indikat lil Perit li l-valutazzjonijiet hemm bzonn li jsiru b'referenza ghad-data tal-mewt u cioe' 15 ta' Gunju, 2009 u ghalhekk il-Qorti f'dak l-istadju estendiet l-inkarigu tal-Perit Grech sabiex jaghti valutazzjoni tal-istess proprjeta' mis-sena 2009;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Joseph Grech li gie ntavolat nhar is-17 ta' Marzu, 2021 u mahluf fit-13 ta' April, 2021 fejn inghata l-valur tal-immobbli fid-data tal-mewt ta' Alfredo Axisa u cioe' fl-2009;

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' April, 2023 il-kawza giet differita ghat-28 ta' Marzu, 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu, 2023 il-kawza giet rikjamata ghallum ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti:**

Illi r-rikorrenti Carmen Bonnici u l-intimat Demis Axisa huma ahwa wlied il-mejtin Alfredo Axisa u Manuela sive Emanuela Axisa li gew nieqsa fil-15 ta' Gunju, 2009 u fis-17 ta' Frar, 2017 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 9 u a fol. 19 tal-process).

Illi mir-ricerki testamentarji sigrieti u pubblici tal-mejjet Alfredo Axisa jirrizulta li huwa rregola l-wirt u successjoni tieghu bl-ahhar testment tat-22 ta' Settembru, 2008 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech (ara testment a fol. 15 et seq tal-process) fejn huwa nnomina u istitwixxa bhala l-unika eredi universali, proprjetarja u

padruna assoluta ta' gidu lil martu Emanuela Axisa. Billi lit-tlett (3) uliedu l-imsemmi Alfredo Axisa ma hallilhom xejn huma kienu ntitolati ghas-sehem riservat.

Illi Emanuela Axisa kif gia nghad giet nieqsa fis-17 ta' Frar, 2017 u mir-ricerki testamentarji sigrieti u pubblici hija rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' l-ahhar testment datat 5 ta' Mejju, 2014 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech (ara testment a fol. 26 et seq tal-process). Fl-imsemmi testment hija halliet xi legati u nnominat u istitwiet bhala l-uniku eredi universali taghha lil binha Demis Axisa bis-sostituzzjoni ta' wliedu f'kaz ta' premorjenza.

Billi l-intimat Demis Axisa huwa l-uniku eredi universali ta' ommu Emanuela Axisa, huwa responsabbli sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat ta' missieru Alfredo Axisa. Ghalhekk ir-rikorrenti Carmen Bonnici pprocediet bil-kawza odjerna kontra tieghu fejn *inter alia* talbet lill-Qorti tillikwida s-sehem riservat spettanti lilha skont il-ligi fuq il-gid ta' missierha Alfredo Axisa u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas dan l-ammont bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezenti.

Illi l-intimat Demis Axisa eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. Fit-tieni eccezzjoni sostna li r-rikorrenti Carmen Bonnici, b'ghazla taghha, abbandunat lil missierha tul hajtu b'mod li kien hu li ha hsiebu u tal-bzonnijiet tieghu u ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-assi ereditarji tal-missier il-kreditu dovut lilu bi hlas ghas-servigi rezi, liema kreditu jifforma l-mertu tal-kontro-talba tal-intimat, kif ukoll kull kreditu iehor li skond il-ligi ghandu jitnaqqas mill-assi ereditarji. L-intimat Demis Axisa eccepixxa wkoll li mis-sehem riservat talvolta dovut lir-rikorrenti ghandu jitnaqqas ukoll il-

valur fid-data tal-mewt ta' missieru ta' kwalunkwe donazzjoni jew trasferiment xort'ohra, maghmula lilha b'liberalita', ghal kollox jew in parte, mill-istess missier il-kontendenti tul hajtu. Finalment eccepixxa li huwa m'ghandux ibati spejjez in konnessjoni ma' din il-procedura u lanqas jigi mgieghel ihallas xi mghax billi qabel r-rikorrenti pprocediet b'din il-kawza u mmedjatament kif sar jaf bir-rinunzja taghha ghall-eredita' ta' missierhom huwa mill-ewwel talabha tikkwantifika l-pretensjoni taghha li pero' baqghet m'ghamlitx.

Illi l-intimat Demis Axisa pproceda b'kontro-talba fejn talab li jigi dikjarat u deciz li huwa rrenda assistenzi, servizzi, servigi u prestazzjonijiet lill-mejjet missieru Alfredo Axisa. Talab ukoll sabiex konsegwentement il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut lilu ghall-istess assistenzi, servizzi, servigi u prestazzjonijiet hemm ezegwiti. Finalment l-intimat talab li l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-ammont hekk likwidati favur tieghu jikkostitwixxi dejn tal-assi ereditarji tal-istess Alfredo Axisa, li ghandu jitnaqqas mill-valur tal-istess assi ghall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riservat favur ir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti resqet ir-risposta mahlufa taghha ghall-kontro-talba fil-5 ta' Jannar, 2018 fejn preliminarjament eccepiet illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li hi m'hijiex werrieta ta' missier il-partijiet u dan kif jirrizulta min-nota ta' rinunzja. Sostniet li ghalhekk isegwi li din l-istanza kellha tigi diretta kontra l-werrieta tad-decujus u mhux kontra taghha. Illi r-rikorrenti fir-rigward il-kontro-talba eccepiet ukoll fil-mertu nkwantu tat-talba ta' hlas ta' servigi u prestazzjonijiet allegatament rezi mill-intimat a favur id-defunt Alfredo Axisa li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li huwa kontestat li huwa ppresta xi assistenzi, servizzi, servigi lid-defunt Alfredo

Axisa u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bhala r-raba' eccezzjoni eccepiet li safejn relattiv ghal zmien ta' aktar mill-ahhar hames snin, it-talbiet relatati mas-servigi waqghu bi preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Eccepiet ulterjorment li din il-kawza saret biss sabiex l-intimat ikompli jahbi u jbabas fil-flejjes appartenenti lill-missieru u jcahhad lilha minn sehem spettanti lilha skont il-ligi billi jittenta jnaqqas il-valur tal-assi tad-defunt kif pprova jaghmel qabel ma l-attrici ma hadet il-passi mehtiega sabiex tirregola l-posizzjoni taghha u intavolat dawn il-proceduri. Finalment eccepiet ukoll li l-intimat rikonvenzjonat qatt ma ressaq ebda talba ghal hlas ghal servigi hlief meta r-rikorrenti rikonvenzjonata bdiet il-proceduri odjerni, u ghalhekk jirrizulta car li dawn il-proceduri huma biss ritaljazzjoni ghall-azzjoni li ghamlet u huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza. Sostniet li hija m'ghandiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tqis li qabel ma tipprocedi ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Alfredo Axisa u ghall-hlas tas-sehem riservat, ghandha tinvestiga l-kontro-talba u dan ghaliex jekk jirrizulta li hemm xi hlasijiet ta' servigi dovuti lill-intimat rikonvenzjonant Demis Axisa dawn ghandhom jidhlu bhala dejn ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Alfredo Axisa. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tipprocedi bil-likwidazzjoni tas-sehem riservat qabel ma tkun taf ezattament il-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet Alfredo Axisa.

**<u>Kontro-talba:</u>**

**<u>L-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici:</u>**

Illi preliminarjament ir-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici eccepiet illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li hi m'hijiex werrieta ta' missier il-partijiet u dan kif jirrizulta min-nota ta' rinunzja li giet ipprezentata fl-atti a fol. 98 tal-process.

Illi minn harsa lejn it-talbiet tal-kontro-talba huwa car li l-intimat rikonvenzjonant m'huwiex qieghed jitlob kundanna li r-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici thallas kwalunkwe hlas li jigi likwidat f'servigi, servizzi, assistenzi u prestazzjonijiet. Pero' qieghed jitlob li jigi dikjarat li huwa rrenda s-servigi, servizzi, assistenzi u prestazzjonijiet favur il-mejjet missieru Alfredo Axisa, u konsegwentement li jigi likwidat tali kumpens ghal tali servigi, servizzi, assistenzi u prestazzjonijiet u finalment li tali kumpens likwidat jigi meqjus bhala dejn tal-assi ereditarju tal-istess Alfredo Axisa, li ghandu jitnaqqas mill-valur tal-assi ghall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riservat favur ir-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici.

Illi effettivament il-fatt li r-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici hija jew m'hijiex werrieta m'hijiex ser taghmel differenza ghal kontro-talba billi l-ghan tal-kontro-talba huwa li jigi stabbilit kumpens u konsegwentement tali kumpens jigi diminuit mill-valur tal-assi ghall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riservat. Ghalhekk din l-eccezzjoni li r-rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ma tregix u ghalhekk ser tigi michuda.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici – preskrizzjoni:</u>**

Illi bhala r-raba' eccezzjoni ghall-kontro-talba r-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Bonnici eccepiet illi safejn relattiva ghal zmien ta' aktar mill-ahhar hames snin, it-talbiet waqghu bi preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa ormai risaput illi f'kawzi ghal hlas ta' servigi, kuri u assistenzi l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

> '**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'.

A propozitu l-preskrizzjoni applikabbli f'kawza ghal likwidazzjoni ta' kumpens ghal kuri, servigi u assistenzi rezi, gie ritenut fil-kawza **Giovanna Hili -vs- Emanuel Cardona et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-26 ta' Settembru, 2007 illi:

> '3. F'dan ir-rigward jigi rilevat li:-
>
> (a) Il-perjodu ta' preskrizzjoni li japplika ghal kazijiet simili hu dak ta' hames snin [Artikolu 2156(f)] (ara per ezempju **George Portelli vs Nicola Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Jannar 1959; sentenzi riportati fil-

Volum IX.648; Vol. XIII.432 u Vol. XXIV.i.3 li ghalihom saru riferenza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Fenech et vs Carmel Bezzina** deciza fit-8 ta' Jannar 1960; u **Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-21 ta' Frar 1994);

(b) *"Il-kontinwata prestazzjoni ta' servigi ma toperax interruzzjoni tal-preskrizzjoni"* (Vol. XLVII.ii.653; Vol. XXXV.ii.342; Vol. XXXIII.i.285). Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Michelina Mallia et vs Carmela Cutajar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran) gie osservat: "..... *anke meta ikun hemm il-kontinwita' jew ir-reiterazzjoni tas-servigi din il-kontinwita' ma timpedix li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri, u kif qal il-kopjant Mhallef Albert V. Camilleri..... (Koll. Vol. XXXIX.ii.515 u 732), il-kontinwita' jew reiterazzjoni tas-servigi ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu' ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri". F'dan il-kaz il-Qorti kkonfermat li ittra ufficjali jista' jkollha effett interruttiv biss ghall-hames snin ta' qabel. Il-Qorti kompliet tosserva li "illi l-istess ghandu jinghad dwar is-sottomissjoni l-ohra ta' Dottor Vassallo li l-allegati promessi ta' testment isalvaw is-servigi resi fis-seba snin qabel il-1953. Mhix hekk il-ligi kif spjegata fil-gurisprudenza fuq imsemmija. Promessa ta' testment li setghet saret, nghidu ahna, fil-1956, anki kieku kienet univoka bizzejjed biex tinterrompi, kienet issalva biss is-servigi resi fil-hames snin ta' qabel, u mhux ghas-seba snin kollha, u minn l-ghada stess il-preskrizzjoni terga tibda tiddekorri u tista tigi kompletata"*.

(c) Jista' jkun hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni fejn ikun hemm xi rikonoxximent tad-

> dritt ta' l-attrici għall-kumpens għas-servigi prestati. Fil-ġurisprudenza nsibu konferma li "*Legat rimuneratorju jew almenu dikjarazzjoni tal-persuna servuta li s-servigi kien jimmeritahom kumpens kienu jikkostitwixxu "rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni li tkun miexja, jew skond il-każ, għal rinunzja għal preskrizzjoni ġia kompjuta.....*" (Vol. XLIV.i.1; Vol. XXV.ii.484,408)" (**Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef J. Said Pullicino) fil-21 ta' Frar 1994)[1].'.

Illi mill-atti jirriżulta li Alfredo Axisa li lilu allegatament ingħataw servigi, servizzi, prestazzjonijiet u assistenzi mill-intimat Demis Axisa miet fil-15 ta' Ġunju, 2009 (ara ċertifikat tal-mewt a fol. 9 tal-process). Fl-atti ma jirriżultax li kien hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-uniku ittri li jirriżulta li l-intimat Demis Axisa bagħat, kienu ittri legali li ma jiksrux il-preskrizzjoni. L-uniku ittra legali li kien hemm referenza fiha għas-servigi, servizzi u assistenzi prestati hija datata 29 ta' Settembru, 2017 (fol. 89). Fi kwalunkwe każ l-interpellazzjoni sabiex tikser il-preskrizzjoni kellha ssir lill-eredi tal-missier li kienet l-omm u mhux ir-rikorrenti. Prova ta' dan ma tressqet imkien. Għalhekk m'hemmx dubju li kwalunkwe allegati servigi, servizzi, prestazzjonijiet u assistenzi huma llum ormai preskritti. B'hekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' din ir-raba' eċċezzjoni u tiddikjara kwalunkwe talba għas-servigi, servizzi, prestazzjonijiet u assistenzi reżi mill-intimat Demis Axisa bħala preskritta.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Alfredo Axisa u ħlas tas-sehem riservat:</u>**

[1] F'din l-istess sentenza l-Qorti kkonfermat li hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' servigi fejn il-prestazzjonijiet ikunu kontinwi u li l-kontinwita' tas-servigi ma toperax bħala interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi kif gja nghad aktar il-quddiem Alfredo Axisa miet fil-15 ta' Gunju, 2009 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> 616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus Alfredo Axisa l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni. ...

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[2].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

---

[2] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

**<u>Assi ereditarji tad-decujus Alfredo Axisa:</u>**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Alfredo Axisa mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Immobbli li jirrizultaw min-noti pprezentati mill-partijiet a fol. 557 u a fol. 579 tal-process:</u>**

1. Nofs indiviz (1/2) tal-forn bin-numru 49 fi Triq Alessandra, Hal Qormi, minghajr l-arja tieghu – dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000);

2. Nofs indiviz (1/2) tad-dar matrimonjali bil-garaxx anness maghha bin-numru 43/45 fi Triq Alessandra, Hal Qormi – dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' tmenin elf Ewro (€80,000);

3. Nofs indiviz (1/2) tal-giardina li tinsab iccirkondata mill-proprjetajiet deskritti fuq tlett nahat u min-naha ohra ma proprjeta' ta' terzi – dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' sebgha 'telef Ewro (€7,000);

   Dwar din il-giardina fil-mori tal-kawza qamet kwistjoni kif ghandha tigi stmata jekk hux mal-fond ossia bin-numru 43/45 fi Triq Alessandra, Hal Qormi jew inkella wahidha. Il-Qorti tqis li rrispettivament jekk il-giardina tigix stmata ma' fond jew le hija ghandha valur billi anke jekk tigi stmata ma fond partikolari dan il-fond ser izid fil-valur tieghu. Tant li l-giardina ghandha valur taghha li anke l-Perit Joseph Grech fir-rapport tieghu jaghti ndikazzjoni ma liema fond ghandha tinghaqad u bl-liema mod ser taffetwa l-izvilupp. Fic-

cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi sabiex tiehu l-valur tal-giardina wahidha u mhux maghqud ma' fond iehor anke fid-dawl tal-fatt li l-Perit Joseph Grech fir-rapport tieghu a fol. 681 et seq tal-process ghadda sabiex stabbilixxa l-valur taghha wahidha u mhux maghquda ma' fond iehor.

4. Nofs indiviz (1/2) ta' zewg garaxxijiet bla numru, accessibbli min trejqa privata li tizbokka fi Triq Alessandra, Hal Qormi li t-tnejn huma attigwi u fejn il-garaxx il-kbir kien imiss mad-dar taz-zwieg minn wara – dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' wiehed u erbghin elf mitejn u hamsin Ewro (€41,250);

5. Nofs indiviz (1/2) tal-arja ta' tlett (3) garaxxijiet ohra fl-istess trejqa privata li tizbokka fi Triq Alexandra, Hal Qormi li tmiss mal-arja taz-zewg garaxxijiet deskritti fil-punt erbgha (4) – dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).

Total ta' mitejn elf mitejn u hamsin Ewro (€200,250).

**<u>Flus il-bank li jirrizultaw minn bank *statements*ipprezentati minn diversi rapprezentanti tal-banek li lkoll xehdu fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2018 esebiti a fol. 117 et seq tal-process:</u>**

1. Nofs indiviz (1/2) ta' term deposit account mal-bank APS Bank Ltd bin-numru 2000078144-7 (fol. 219) - €13,976.24;

2. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank APS Bank Ltd bin-numru 2000064767-7 (fol. 222) - €1,500.43;

3. Nofs indiviz (1/2) ta' term deposit account mal-bank BOV plc bin-numru 11510514017 (fol. 256) - €11,898.49;

4. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank BOV plc bin-numru 11510514020 (fol. 271) - €406.26;

5. Nofs indiviz (1/2) ta' current account mal-bank BOV plc bin-numru 400-1009262-8 (fol. 302) - €661.32;

6. Nofs indiviz (1/2) ta' term deposit account mal-bank BOV plc bin-numru 40013078089 (fol. 327) - €3,320.17;

7. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank Lombard Bank Malta plc bin-numru 0144030165100 (fol. 166) - €1,541.84;

8. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank Lombard Bank Malta plc bin-numru 0152133016500 (fol. 181) - €75,704.64;

9. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank Lombard Bank Malta plc bin-numru 0152033016501 (fol. 182) - €25,704.64;

10. Nofs indiviz (1/2) ta' fixed account mal-bank Lombard Bank Malta plc bin-numru 0152030165101 (fol. 215) - €32,663.35;

11. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 054-056767-050 (fol. 360) - €2,812.49;

12. Nofs indiviz (1/2) ta' fixed deposit account mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 054-056767-100 (fol. 370) - €14,330.50.

Il-Qorti tinnota li l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu meta gie biex jindika l-kontijiet kien hemm okkazzjonijiet fejn l-ammont indikat minnu kien aktar minn dak indikat fuq id-dokument fid-data l-aktar vicin il-mewt. Il-Qorti tirrileva li hija mxiet mal-kontijiet bankarji u hadet kont tal-ammont fid-data l-aktar qrib il-mewt tad-decujus Alfredo Axisa.

Total tal-flus fil-kwota ta' nofs indiviz (1/2) huwa dak ta' mija erbgha u tmenin elf hames mija u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€184,520.37).

**<u>Vetturi li jirrizultaw mid-deposizzjoni moghtija minn Karen Cremona in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Transport f'Malta a fol. 513 et seq tal-process:</u>**

1. Nofs indiviz (1/2) tal-vettura Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD013 li llum hija ggaraxjata;

2. Nofs indiviz (1/2) tal-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni TAC108 li llum hija ggaraxjata.

Fiz-zewg kazijiet il-Qorti m'hijiex edotta mill-valur taghhom billi r-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda stima ghalhekk sejra tikwantifika *arbitrio boni viri* l-valur taghhom fil-kwota indikata ta' nofs indiviz fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) tat-tnejn.

**<u>Deheb:</u>**

Illi r-rikorrenti Carmen Bonnici fl-affidavit taghha  a fol. 103 tal-process tghid illi missierha Alfredo Axisa kellu hafna deheb fejn tindika li kellu zewg crieket hoxnin li kien jilbishom ta' spiss, u gizirana hoxna tad-deheb bis-salib li tghid li dejjem kien jilbisha ta' kuljum. Imbaghad fid-deposizzjoni moghtija fil-21 ta' Gunju, 2019 a fol. 526 tal-processipprezentat numru ta' ritratti fejn jidher missierha Alfredo Axisa libes gizirana u salib maghha u xi crieket ohra tad-deheb (ara r-ritratti a fol. 549 tal-process). Ir-rikorrenti resqet ukoll bhala xhud lil zewgha Victor Bonnici (fol. 791) li wkoll ikkonferma li Alfredo Axisa kien jilbes id-deheb sakemm marad pero' wara ma jafx x'sar minnu. Illi ghalkemm ir-rikorrenti resqet xhud li jikkonferma li l-mejjet Alfredo Axisa kien jilbes id-deheb sa qabel ma marad, prova ohra fl-atti li d-deheb kien ghadu jezisti fid-data tal-mewt ta' missierha Alfredo Axisa ma tresqitx. Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq supposizzjonijiet li kienu jezistu oggetti tad-deheb sa qabel marad u ma tingiebx prova li fid-data tal-mewt tieghu kien ghadhom jezistu. Ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex ser tiehu kont tad-deheb.

**<u>Donazzjonijiet:</u>**

Illi l-Artikolu 620 sub-artikolu 2 u sub-artikolu 3 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellmu car dwar x'ghandu jittiehed kont tieghu meta tigi ghal-likwidazzjoni tas-sehem riservat billi jiddisponu illi:

> '(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara  li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.
>
> (3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun

iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.'.

Illi l-intimat Demis Axisa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jindika numru ta' transazzjonijiet li skontu huwa hadhom minghand il-genituri tieghu bhala donazzjonijiet. Dawn huwa s-segwenti:

1. Malta Government Stock - din id-donazzjoni hija kkonfermata b'kuntratt li gie ppubblikat nhar l-14 ta' April, 2009 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech (a fol. 725 et seq tal-process) - €104,822;

   Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dwar dan l-ammont ma tihux il-valur fid-data tad-donazzjoni ghaliex maghhom izzid ukoll l-interessi. Jigi rilevat li ai termini tal-Artikolu 648 (b) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta dan l-ammont ghandu jigi maghdud b'kalkolu biss skont il-valur meta ssir id-donazzjoni.

2. HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 054-0056767-050. Dan l-ammont jirrizulta li gie zbankat fis-26 ta' Marzu, 2007 (a fol. 358 tal-process) - €6,991.61;

3. HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 054-0056767-050. Dan l-ammont jirrizulta li gie zbankat fit-18 ta' Mejju, 2007 (a fol. 358 tal-process) - €6,991.61;

4. HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 054-0056767-050. Dan l-ammont jirrizulta li gie mahrug fl-24 ta' Ottubru, 2007 (a fol. 358 tal-bank statement) - €20,964.36;

5. HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 054-0056767-050. Dan l-ammont jirrizulta li gie mahrug fl-24 ta' Ottubru, 2007 (a fol. 358 tal-bank statement) - €2,138.37;

6. HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 042-162222-001 - €34,000;

7. Lombard Bank plc bin-numru tal-kont 01520310651 - €65,408.35.

Illi ladarba l-intimat Demis Axisa nnifsu qieghed jikkonferma dawn l-ammonti, il-Qorti m'ghandiex ghaliex tiddubita minnhom u ghalhekk sejra sabiex tiehu n-nofs indiviz (1/2) taghhom li jwassal ghas-somma totali ta' mija u ghoxrin elf sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hmistax il-centezmu (€120,658.15).

**Tnaqqis ta' rigali:**

Illi l-intimat Demis Axisa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jinsisti li minn kull sehem riservat li talvolta jkun dovut lir-rikorrenti ghandu jitnaqqas l-ammont ta' ghoxrin elf disgha mija erbgha u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36) li rceviet b'rigal minghand missierha Alfredo Axisa. Dan huwa jikkonfermah fl-affidavit tieghu a fol. 750 et seq tal-process fejn jghid li missieru kien ghadda l-ammont ta' disa 'telef lira tal-munita l-antika (Lm 9,000) kull wiehed lilu u liz-zewg hutu. Ikkonferma dan anke in kontro-ezami fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2023 a fol. 851 et seq tal-process.

Illi r-rikorrenti Carmen Bonnici ma ssemmi xejn dwar dawn id-disat'elef lira Maltin (Lm 9,000) li allegatament inghataw lilha u lil hutha minn missierhom bhala rigal. Ir-rikorrenti lanqas ma giet

kontro-ezaminata dwarhom u ghalhekk fl-atti kull ma jezisti huma semplicement l-allegazzjonijiet tal-intimat Demis Axisa.

Illi dwar is-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 620 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> '(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.'.

Imbaghad l-Artikoli 922 u 924 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponu illi:

> '**922.** Hu suġġett għall-kollazzjoni dak illi l-mejjet ikun nefaq biex iddota lid-dixxendenti bniet, jew biex għamel donazzjonijiet f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jew biex għamel patrimonju ekkleżjastiku lid-dixxendent, jew biex akkwistalu benefiċċju ekkleżjastiku, jew xi impieg jew stabbiliment, jew biex ħallas id-djun tiegħu jew benefiċċju taħt fondazzjoni jew trust.
>
> **924.** L-ispejjez ta' manteniment, ta' edukazzjoni, u ta' tagħlim, l-ispejjeż tas-soltu f'okkażjoni ta' żwiġijiet, u r-rigali li huwa użu li jingħataw, mhumiex suġġetti għal kollazzjoni.'.

Illi kif gia nghad fil-atti m'hemmx konferma li huwa minnu li r-rikorrenti Carmen Bonnici rceviet l-ammont ta' disa' 'telef lira tal-munita l-antika (Lm 9,000) minghand missierha Alfredo Axisa ghajr ghal allegazzjoni tal-intimat Demis Axisa. Il-Qorti lanqas m'hija propensa temmen l-verzjoni moghtija minn Demis Axisa fid-dawl li meta mistoqsi dwar ammonti ta' flus li huwa nghata

b'titolu ta' donazzjoni l-intimat ghamel qisu ma jaf xejn meta huwa evidenti li ghamel hekk b'malizja billi hawn hekk qeghdin nitkellmu fuq ammont sostanzjali u mhux ammonti minimi. Il-Qorti tikkonvinci ruhha aktar, meta minn ezami tal-kontijiet bankarji tal-mejjet Alfredo Axisa rrizulta li effettivament ammont wiehed ta' disa' t'elef liri tal-munita l-antika (Lm 9,000) ekwivalenti ghas-somma ta' ghoxrin elf disgha mija erbgha u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36) gew zbankati. Il-Qorti temmen li kieku huwa minnu li Alfredo Axisa ghadda dik is-somma wkoll lir-rikorrenti dan l-ammont kien jirrizulta b'xi mod mill-kontijiet bankarji. L-anqas li eta jghamel l-intimat Demis Axisa kien li jsir kontro-ezami tar-rikorrenti dwar l-imsemmi ammont. Fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-intimat Demis Axisa dwar din is-somma u mhux ser tnaqqas l-ebda ammont minn sehem ir-rikorrenti Carmen Bonnici.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-legittima:**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €200,250 + |
| Flus il-bank - | €184,520.37 |
| Vetturi - | €1,000 |
| **Total -** | **€385,770.37 +** |
| Donations - | €120,658.15 |
| **Total -** | **€506,428.52 (sehem Alfredo Axisa)** |

**Sehem ir-rikorrenti huwa dak ta' 1/9 x €506,428.52 = €56,269.84.**

**Imghax:**

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien

sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Hekk jaqra s-sub-artikolu 2 illi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Illi r-rikorrenti Carmen Bonnici fl-atti pprezentat kopja ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Awwissu, 2017 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti permezz taghha nterpellat lill-intimat Demis Axisa sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat lilha spettanti skont il-ligi. Mill-istess kopja tal-ittra ufficjali jirrizulta li din giet notifikata nhar it-8 ta' Awwissu, 2017.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll li l-intimat Demis Axisa ghamel xi tentattivi sabiex jasal mar-rikorrenti fuq l-ammont dovut minnu bhala porzjon riservat. Dan huwa wkoll ikkonfermat minn Carmen Bonnici nfisha in kontro-ezami fis-seduta tas-17 ta' Mejju,

2022 a fol. 789 et seq tal-process. Sussegwentement fit-28 ta' Mejju, 2021 l-intimat Demis Axisa pprezenta cedola ta' depositu fl-ammont ta' sitta u tletin elf erbgha mija u hdax il-Ewro (€36,411) – ammont li skontu jirrapprezenta s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti Carmen Bonnici fuq l-eredita' ta' missierha Alfredo Axisa inkluz l-imghaxijiet ghall-hlas tas-sehem rizervat. Jirrizulta wkoll li l-intimat Demis Axisa dam ben erba' snin sabiex iddeposita l-flus taht l-awtorita' tal-Qorti.

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tistabbilixxi l-imghax mid-data tat-8 ta' Awwissu, 2017 (data tan-notifika) fuq is-somma likwidata mill-Qorti ta' sitta u hamsin elf, mitejn u disgha u sittin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (**<u>€56,269.84</u>**) bir-rata' ta' 8%. Il-Qorti mhux ser tqis l-ammont depozitat ai fini ta' mghax stante li dan kien anqas minn dak likwidat minn din il-Qorti b'dana li kieku r-rikorrenti gibdet tali ammont presumibilment kienet tkun pregudikata fl-atti odjerni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

**<u>Rikors promotur:</u>**

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tifforma u tillikwida l-komunjoni tal-akkwist ga' ezistenti bejn l-imsemmija Alfredo Axisa - missier il-partijiet u l-ohra lill-assi tal-omm il-partijiet

Emanuela Axisa u dan hekk kif jidher taht is-sezzjoni '**<u>Assi ereditarji tad-decujus Alfredo Axisa:'</u>**;

3. Tilqa' t-tieni talba u taqsam il-komunjoni hekk likwidata f'zewg porzjonijiet li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi ta' Alfredo Axisa missier il-partijiet u l-ohra lill-assi tal-omm il-partijiet Emanuela Axisa u dan hekk kif jidher taht is-sezzjoni '**<u>Assi ereditarji tad-decujus Alfredo Axisa:'</u>**;

4. Tilqa' t-tielet talba u tifforma u tillikwida l-assi ta' missier l-partijiet Alfredo Axisa li jkun jikkonsisti f'sehemu tal-komunjoni fuq assenjat u fis-sostanzi partikolari tieghu hekk kif jidher mis-sezzjoni **<u>Assi ereditarji tad-decujus Alfredo Axisa:'</u>**;

5. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandha jedd ghall-hlas ta' ammont ta' flus rapprezentanti s-sehem rizervat mill-wirt ta' missierha Alfredo Axisa;

6. Tilqa' l-hames talba u tillikwida s-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi fuq il-gid ta' missierha Alfredo Axisa fl-ammont kumplessiv ta' sitta u hamsin elf mitejn disgha u sittin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€56,269.84);

7. Tilqa' s-sitt talba u tordna li dan l-ammont ghandu jithallas mill-intimat bl-imghax bil-mod kif indikat aktar il-quddiem fis-sezzjoni '**<u>Imghax:</u>**'.

**<u>Kontro-talba:</u>**

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tar-rikorrenti rikonvenzjonata;

2. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata u tiddikjara l-kontro-talba bhala preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tghaddi sabiex tichad il-kontro-talba fl-intier taghha.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba mir-rikorrenti kif ukoll dawk relatati mal-kontro-talba interament a karigu tal-intimat Demis Axisa.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**